# ID-DAWL

APRIL 2021 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 40

**"Is-sawm huwa tajjeb għalikom jekk tkunu tafu."**



Id-Dnub | Is-Sawm | L-Abort | L-Ewtanasja

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# IS-SAĦĦA

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Kull sena s-7 ta' April huwa ċċelebrat bħala l-'Jum Dinji tas-Saħħa' biex iqajjem il-kuxjenza u l-għarfien dwar l-importanza tas-saħħa. Bla dubju ta' xejn, is-saħħa hija għana. Kulħadd jaf dan imma, fis-sena 2020, minħabba l-pandemija tal-corona virus, tgħallimna l-kobor tas-saħħa; xi tfisser li tkun b'saħħtek; u kemm hi prezzjuża s-saħħa?

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, kien jgħid li hemm żewġ barkiet mingħand Alla li l-bniedem ma tantx jagħti kashom. L-ewwel hija s-saħħa u t-tieni hija l-ħin ħieles. U kien jgħid li, fidil b'saħħtu huwa aħjar minn fidil dgħajjef (fiżikament), għax hu jista' jaħdem iktar, jista' jitlob iktar, jista' jagħmel iktar ġid għas-soċjetà.

Dan il-kliem għaqli jiġbdilna l-attenzjoni li rridu nkunu konxji mis-saħħa u l-ħin tagħna. Huwa wkoll importanti li nkunu konxji dwar l-ikel ukoll, għax ħafna drabi ma niklux ikel san, u anke nieklu iżjed minn dak li għandna bżonn. F'dan ir-rigward il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, tana prinċipju tad-deheb li meta tiekol, ma tikolx sa stonku mimli. Ħalli l-ikel qabel ma tkun kompletament mimli.

## ID-DAWL

April 2021 – Numru 40 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 606 606 | Tel: 25 606 606
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

## INDEX

| | |
|---|---|
| Health | 02 |
| Sin | 03 |
| Fasting | 04 |
| Abortion | 06 |
| Euthanasia | 07 |

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra: Azahar Photography | Shutterstock**
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

# ID-DNUB

Id-dnub, li tassew hu velenu, jitwieled meta l-bniedem jonqos milli jobdi lil Alla u jkun nieqes mill-imħabba Tiegħu u t-tifkira maħbuba Tiegħu.

Id-destin tal-bniedem li qalbu tkun saret kiesħa għall-imħabba ta' Alla tixbah lil siġra maqlugħa mill-għeruq; ma tkunx kapaċi iżjed tieħu l-ilma tal-ħajja mill-ħamrija. Bħala riżultat, is-siġra bil-mod il-mod tinxef u tmut, għalhekk, bħan-nixfa tas-siġra, id-dnub jokkupa lill-qalb.

Ir-rimedju għal dan l-istat ta' nixfa (nixfa spiritwali), skont il-liġi tan-natura, hu ta' tliet tipi:

**(1) Imħabba;**

**(2) *Istigfar*,** li tfisser xewqa li tidfen jew li tgħatti, li wieħed jiftakar li sakemm l-għeruq tas-siġra jkunu midfunin fil-ħamrija hemm it-tama li din is-siġra ttella' l-weraq aħdar;

**(3) It-tielet rimedju hi *t-tewba*,** li tfisser li ddur lejn Alla bl-umiltà kollha waqt li tiġbed l-ilma tal-ħajja u tressaq lilek innifsek aktar qrib Tiegħu – li tinqata' bil-għajnuna tal-għemejjel tajbin mill-għata geżwiera tad-dnub.

It-tewba ma tistax takkwistaha sempliċement bil-fomm; infatti t-tewba tista' tipperfezzjonaha biss bil-għajnuna ta' għemejjel tajba.[1]

1. Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, *Ruhani Khazain*, V.12, p. 328-329

# L-GĦAN TAS-SAWM

Kull sena, matul ix-xahar ta' Ramadan, il-Musulmani madwar id-dinja jsumu għal xahar sħiħ. Hekk kif ix-xahar ta' Ramadan huwa xahar lunari, dan jibqa' jinbidel minn sena għall-oħra. Kull sena r-Ramadan jasal madwar 11-il jum aktar kmieni mis-sena ta' qabel, u dan iċ-ċirku jitkompla b'mod sħiħ wara 36 sena.

Ir-Ramadan huwa xahar ta' talb, qima, dixxiplina fuq il-persuna nfisha, li taħseb fl-oħrajn u sagrifiċċji. Għan tas-sawm tul ir-Ramadan huwa biex ifakkar lill-Musulmani fis-sofferenzi tan-nies li ma għandhomx idea meta se titfaċċa l-ikla li jmiss. Tabilħaqq huwa wieħed mill-modi kif l-Iżlam ifakkarna biex nuru mogħdrija ma' dawk kollha li jinsabu fil-bżonn.

It-Tieni Kalif tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana jitħaddet dwar dan u jgħid:

**"Ftit kunsiderazzjoni turi li s-sawm jgħallem lin-nies lezzjonijiet li jassiguraw il-benesseri nazzjonali tagħhom. L-ewwel lezzjoni hija li bniedem għani, li qatt ma sofra l-ġuħ jew iċ-ċaħda u li ma jistax jifhem is-sofferenzi ta' ħutu aktar fqar li ħafna drabi ma jkollhomx għaxja ta' lejla, jibda permezz tas-sawm jirrealizza xi jfisser il-ġuħ u minn xiex jgħaddu l-foqra. Dan iwassal biex huwa juri mogħdrija konkreta mal-fqar li xxettel azzjonijiet meqjusa biex itejbu s-sitwazzjoni tal-faqar, li r-riżultat aħħari jkun żieda fil-ġid nazzjonali. Huwa ovvju li l-ġid tan-nazzjon huwa mwaħħad mal-ġid tal-individwu."**(2)

B'hekk, ir-Ramadan jiddiriġina għall-fatt li hija r-responsabbiltà kollettiva taċ-ċittadini kollha li jwettqu d-dmirijiet importanti u kostruttivi tagħhom għall-ġid nazzjonali. L-għonja għandhom jgħinu lil ħuthom aktar batuti biex jieqfu fuq saqajhom. Għandhom jaqsmu dak li Alla tahom mal-proxxmu fqir tagħhom. Għaldaqstant, is-soċjetà inġenerali ssir aktar progressiva u sostenibbli.

Barra minn hekk, ir-Ramadan jgħallimna wkoll dwar l-importanza tal-ikel u l-ilma. Skont xi studji terz tal-ikel kollu għall-użu tal-bniedem jinħela, bin-nies f'pajjiżi aktar sinjuri jaħlu iżjed.




Madwar id-dinja, miljuni ta' nies qegħdin isofru minħabba n-nuqqas ta' ikel u ilma sigur u nadif biex jinxtorob u dan iwassal għal miljuni ta' mwiet kull sena. Meta wieħed jesperjenza l-ġuħ u l-għatx waqt is-sawm, wieħed jirrealizza l-importanza tal-ikel u l-ilma, b'hekk joqgħod attent li ma jaħlix.

Ir-Ramadan iħeġġeġ ukoll biex wieħed jieħu ħsieb ta' dawk li m'għandhomx biżżejjed ikel u ilma. Jiena ċert li jekk aħna nsegwu u nħarsu l-lezzjonijiet li jgħallimna r-Ramadan, id-dinja ma ssofrix aktar mill-ġuħ u l-għatx. Ma jkunx hemm ruħ waħda li torqod mingħajr ikel u ilma.

Alla l-Omnipotenti pprovda biżżejjed ikel u ilma għall-umanità sħiħa. Mhijiex kwistjoni ta' proviżjon jew disponibilità. Iżda hija minħabba t-traskuraġni umana, l-egoiżmu, il-kburija nazzjonali u t-tqassim inġust tal-ġid li l-umanità qiegħda ssofri.

2. *Ahmadiyyat or the True Islam, p.* 81-82

# L-ABORT



Fotokita | Shutterstock

**L-abort huwa permess?**
**L-Iżlam jippermetti l-abort?**

L-abort huwa kkundannat mir-reliġjonijiet kollha tad-dinja, inkluż l-Iżlam. L-Iżlam iħabrek kemm jiflaħ biex iħares il-qdusija tal-ħajja umana kollha u jqis il-prattika tal-abort daqslikieku wieħed qed ineħħi l-ħajja ta' bniedem ieħor. Madanakollu, fil-każ li l-ħajja jew is-saħħa tal-omm tkun fil-periklu minħabba l-ħlas, l-Iżlam jagħti aktar drittijiet lill-omm u l-abort isir permissibbli. Barra minn hekk, il-Koran Imqaddes jipprojbixxi l-abort minħabba l-biża' ta' problemi finanzjarji. F'kapitlu 17, vers 32, Alla jgħid:

> **"Toqtlux lil uliedkom minħabba l-biża' tal-faqar. Huwa Aħna li nipprovdu għalihom u għalikom. Tassew, il-qtil tagħhom huwa dnub kbir."**

Meta wieħed jirriduċi l-proċess onorabbli tar-riproduzzjoni għal għażla ekonomika jkun qed ixejjen wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-istituzzjoni taż-żwieġ u jeħodha kontra l-ispirtu tat-tagħlim Iżlamiku.

# L-EWTANASJA




**Hemm ġustifikazzjoni għall-ewtanasja fl-Iżlam?**

L-Iżlam ma jipprovdi l-ebda ġustifikazzjoni għall-ewtanasja. Ir-raġuni għal dan hija li, skont il-Koran Imqaddes, il-ħajja umana ma tinsabx f'idejna – hija tinsab f'idejn Alla biss.

Il-kunċett ta' ħajja 'li mhix denja li tingħex' ma jeżistix fl-Iżlam. Alla ordna li l-ħajja umana għandha tiġi rispettata bla kundizzjoni ta' xejn u l-ebda ammont ta' sofferenza umana temporanja m'għandu jħassar il-qdusija tal-ħajja umana.

Alla jiddikjara fil-Koran Imqaddes, (6:152):

**"Toqtolx il-ħajja li Alla għamel sagra."**

It-tbatija għandha tiġi mnaqqsa sa ċertu punt bil-mediċina u mezzi oħra. Jekk persuna ma tkunx tista' ssib aktar soljiev, mela dik it-tbatija ssir mezz ta' maħfra għad-dnubiet sakemm Alla jġib il-mewt bir-rieda Tiegħu.

# IL-QADI TA' ĦUTNA L-BNEDMIN




Matul il-pandemija tal-Covid-19, l-Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta kienet konxja tal-bżonnijiet tal-komunitajiet tal-immigranti li jgħixu f'Malta u wriet is-solidarjetà tagħha billi pprovditilhom 5,000 maskra ċċertifikati u sanitizers tal-id. Qabel ma saru l-preżentazzjonijiet, il-voluntiera ppakkjaw il-maskri tal-wiċċ skont il-ħtiġijiet individwali bil-passjoni tal-qadi lil ħutna l-bnedmin. Id-donazzjoni ġiet ippreżentata mill-Imam Laiq Ahmed Atif, president Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta, flimkien mal-uffiċjali tal-Komunità.

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**